**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 t'Ottubru, 2015**

**Rikors nru: 202/2007 MLF**

**Alice Peplow**

**Vs**

**Miriam Dalli**
**Charlon Gouder**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati li prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li l-allegazzjonijiet li xxandru fuq ONE TV dwar l-attrici waqt l-ahbarijiet ta' ONE NEWS tas-7.30 p.m. tat-28 ta' Gunju, 2007, f'dik il-parti ta' l-ahbarijiet li kienet tibda bil-kliem "*L-Ahhar zviluppi dwar il-kaz ta' korruzzjoni fl-Awtorita' Marittima Maltija*" – liema ahbarijiet kellhom lill-konvenuta Miriam Dalli bhala Editur u Kap tat-Taqsima Ahbarijiet u Grajjiet Kurrenti ta' ONE TV u l-konvenut l-iehor Charlon Gouder bhala gurnalist li kiteb, ipprepara u xandar is-servizz/l-istorja – huma libelluzi u malafamanti fil-konfront ta' l-attrici u kellhom bhala skop dak li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni u l-gieh taghha (DOK A u DOK B), ihallsu lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Miriam Dalli u Charlon Gouder fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament il-pubblikazzjoni imsemmija hija privileggjata taht l-artikoli 12A u 33 tal-Att dwar l-Istampa (Kap 248).
2. Illi f'kull kaz il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attrici mhijiex libelluza fil-konfront taghha.
3. Illi inoltre il-fatti indikati mill-attrici jikkonsistu f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-ligijiet ta' l-istampa. Jekk l-attrici dehrilha li gew pubblikati jew ixxandru inezattezzi li jolqtu lilha, hija kellha r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.
4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu *f'fair comment* maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet in-nota ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li m'humiex kontestati bejn il-partijiet huma in succint is-segwenti:

1. L-attrici kienet tahdem mal-Awtorita Marittima ta' Malta (iktar l-isfel imsejjha "MMA" fis-sezzjoni tas-Small Ships Registrations, bhala *executive secretary* tad-direttur John Farrugia.
2. Fl-ahhar tlett snin qabel l-incident in kwistjoni, hija kienet bdiet tiehu parti wkoll mis-Small Ships Register, li ghandu hafna sezzjonijiet, wahda minnhom hija dik tan-*nautical licences,* li fuqha inqalghet il-kwistjoni.

3. Fl-24 ta' Mejju 2007, l-avukat tal-MMA, kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn talbu jinvestiga suspetti ta' irregolaritajiet fil-process ghall-hrug tas-sewqan ta' speedboats. Dawn is-suspetti tqajmu mill-awdituri stess tal-Awtorita waqt li kienu qed jaghmlu internal audit kif isir regolarment fl-Awtorita.[1]

4. Fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2007, l-Onor. Joe Mizzi ghamel din il-mistoqsija fil-Parlament: *"Jista' l-Ministru jinforma lil poplu Malti u Ghawdxi min ta' ordni biex ufficjal fit-taqsima tal-licenzji tal-MMA biex kemm il-gimgha li ghaddiet kif ukoll il-bierah, iqatta' dokumenti, jitfaghhom f'garbage bags u jarmihom fi skip?"*[2]

5. Il-gurnata ta' wara, cioe fis-6 ta' Gunju 2007, l-MMA kitbet lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn talbitu wkoll jinvestiga l-allegazjoni illi impjegat tal-MMA qatta' xi karti, u dan fil-kuntest tal-investigazzjoni li kienet diga ghaddejja.[3]

6. L-Ispettur Ian Abdilla, stazzjonat fl-Economic Crimes Unit, xehed li wara xahar investigazzjoni, ittiehdet id-decizjoni li jigu arrestati l-impjegati kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hrug tal-licenzji. L-arrest sehh fit-12 ta' Gunju 2007, u fost il-persuni arrestati kien hemm l-attrici.

7. Tnejn mill-impjegati arrestati, cioe John Farrugia u Ivan Muscat tressqu l-Qorti fejn ammettew l-involviment taghhom fil-kaz. Pero l-attrici giet rilaxxata, ghalkemm damet kwazi 48 siegha arrestata, ghax wara investigazzjonijiet ulterjuri irrizulta li din ma kellha x'taqsam xejn mal-hrug tal-licenzji allegatament kontra l-ligi.[4]

---

[1] Ara Dokument a fol. 92 *et seq.* tal-process.
[2] Ara Dok MD 2 a fol. 110-111 tal-process.
[3] Ara fol. 91 tal-process.
[4] Ara xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla a fol. 77 tal-process.

8. Sussegwentement, l-Ispettur Abdilla rega' investiga lill-attrici dwar allegazzjoni illi John Farrugia, flimkien mal-attrici u l-fattiga, Teresa Aquilina qattghu xi dokumenti tal-MMA. Pero mill-investigazzjoni tal-Pulizija rrizulta li ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex jittiehdu proceduri dwar din l-allegazzjoni tax-*shredding* tal-karti.[5] Din l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar it-tqattiegh tal-karti giet mitmuma fl-4 ta' Lulju 2005, u kopja tar-rapport inghatat lill-MMA fil-5 ta' Lulju 2005.[6]

9. Fis-seduta Parlamentari tal-25 ta' Gunju 2007 – meta l-investigazzjoni tal-pulizija dwar l-allegazzjoni tat-tqattiegh ta' dokument tal-MMA kienet ghada ghaddejja, l-Onorevoli Membru Parlamentari Joe Mizzi qal hekk:
*"Li gara kien – u hawnhekk bdejna naraw dawn il-manuvri – li l-awditur, is-Sur Stafrace, flimkien ma' David Attard kellmu lis-Sur Farrugia. U s-Sur Farrugia ppanikjja u ggennen u cempel lis-segrretarja tieghu sabiex jaraw kif se jsolvu din il-problema. Din kienet ilha l-gimghat bis-sick leave u ma kenitx qieghda tidhol ghax-xoghol. Hawnhekk ma nafx jekk kenitx qieghda tithallas, imma mbaghad dahlet lura ghax-xoghol. Fi tliet okkazzjonijiet kemm Stafrace kif ukoll Attard kellmu lis-Sur Farrugia u lis-<u>Sinjura Alice.</u> Wara dan kollu bdew jitqattghu d-dokumenti. Fil-fatt kien ilhom gimgha jqattghu d-dokumenti, u b'kollox tqattghu madwar 230 licenzja kif ukoll dokumenti u karti ohra."*[7] (sottolinear ta' din il-Qorti)

10. B'ittra datata 26 ta' Gunju 2007 – cioe l-ghada tad-diskors fuq kwotat, l-avukat difensur tal-attrici kiteb lill-Onorevoli Joe Mizzi, u qal hekk:
*"Inkarigat niktiblek ghan-nom ta' Ms. Alice Peplow u nirreferik ghad-diskors tieghek fis-seduta Parlamentari tal-25 ta' Gunju 2007, <u>maghmul fir-rigward taghha</u> meta inti kont qed tindirizza l-Kamra tar-Rapprezentanti dwar il-kwistjoni tal-licenzji mahruga mill-MMA.*

*Fid-diskors tieghek <u>int semmejt lill-mittenti b'isimha</u> u ghamilt fil-konfront taghha diversi allegazzjonijiet, insinwazzjonijiet u statements dwar dak minnek allegat bhala involviment taghha fil-kaz imsemmi.*

[5] Ara xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla a fol. 78 tal-process.
[6] Ara dokument a fol. 87 *et seq.* tal-process.
[7] Ara fol. 137 tal-process.

*Qed tigi ufficjalment mgharraf illi dak kollu li inti ghidt fuq il-klijenta tieghi huwa ghal kollox inveritier, skorrett u mhux minnu … …"*[8] (sottolinear ta' din il-Qorti)

Fis-seduta Parlamentari tal-10 ta' Lulju 2007, l-Onorevoli Joe Mizzi ddikjara li ghalkemm l-ittra hija datata 26 ta' Gunju 2007, hu kien ircieva din l-ittra l-gurnata ta' qabel, cioe fid-9 ta' Lulju 2007.[9]

11. Waqt servizz tal-ahbarijiet One News illi xxandar fuq Super One TV fit-28 ta' Gunju 2007, fil-waqt li xxandru *clips* diretti mid-diskors illi kien intqal fil-Parlament l-Onorevoli Parlamentari Joe Mizzi fis-seduta Parlamentari tal-25 ta' Gunju 2007, il-konvenut Charlon Gouder qal hekk:

*"Il-persuna l-ohra in kwistjoni jisimha Alice Peblow. Alice Peplow u John Farrugia fil-presenza tal-fattiga, kienu fost l-ohrajn qattghu uhud mill-mitejn u tletin (230) licenzja lkoll iffalsifikati. … … Dokumenti li ghandu f'idejh One News u li anke tpoggew fuq il-Mejda tal-Kamra juru kif din Peplow kienet ghal xi zmien bis-sick leave izda dahlet ghax-xoghol meta l-kaz beda jiehu xejra differenti."*[10] (sottolinear ta' din il-Qorti).

12. Fix-xhieda taghha, il-konvenuta Miriam Dalli qalet illi *" … … (M)eta l-Onorevoli Joe Mizzi ghamel id-diskors fil-parlament hu rrefera biss ghas-Sinjura Alice. Ahna fil-fatt iccekkjajna min kienet is-Sinjura Alice u rrizultalna li kienet Alice Peplow. Dan irrizultalna wara d-diskors fil-Parlament, anzi tlett ijiem wara d-diskors fil-Parlament hrigna news item."*[11]

13. L-attrici hassitha malafamata b'dan is-servizz tal-ahbarijiet, u ghalhekk istitwiet dawn il-proceduri.

---

[8] Ara Dok MD1 a fol. 109 tal-process.
[9] Ara fol. 147 tal-process.
[10] Ara Dok B – it-traskrizzjoni tas-servizz tal-ahbarijiet *de quo* a fol. 3 tal-process.
[11] Ara xhieda tal-konvenuta Miriam Dalli a fol. 115-116 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

_Eccezzjoni Preliminari_

Din il-Qorti trid bil-fors tibda biex tikkonsidra l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni hija privileggjata taht l-Artikoli 12A u 33 tal-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248).

L-Artikolu 12A tal-Att dwar l-Istampa jitratta l-privilegg kwalifikat u jippreskrivi hekk: *"12A. Fi proċeduri meħuda in forza ta' dan l-Att tkun difiża għall-editur jew għar-responsabbli għall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preċiż ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew raġonevolment setgħet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta' dak id-diskors se jiġi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir, u li l-pubblikazzjoni tal-istess diskors kienet raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika."*

L-Artikolu 33, li jittratta pubblikazzjonijiet privileggati jippreskrivi hekk: *"Ma tista' tittieħed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li ġejjin: … …*
*(ċ) pubblikazzjonijiet ta' rapporti bona fidi ta' dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, kemm-il darba tkun pubblikata l-parti rilevanti tad-dibattiment, u ma tiġix maqbuża jew b'ħażen jew bi traskuraġni mbiddla jew imqassra d-difiża tal-persuna li tkun ġiet attakkata; … …"*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici qieghda tghid li dawn l-artikoli mhux applikabbli fil-kaz odjern ghaliex fis-seduta tal-Parlament, l-Onorevoli Joe Mizzi irrefera biss ghas-*"Sinjura Alice"* minghajr ma semma' kunjomha, u ghalhekk l-attrici ma kinietx identifikabbli f'ghajnejn il-pubbliku in generali in konnessjoni mal-allegazzjonijiet ta' korruzjoni fi hdan l-MMA. Kienu l-konvenuti li ghamlu verifiki ulterjuri sabiex jiddeterminaw illi l-imsemmija *"Sinjura Alice"* kienet fil-fatt l-attrici, u fis-servizz tal-ahbarijiet semmewha irriferew ghaliha bhala *"Alice Peplow"* u ghalhekk giet identifikabbli f'ghajnejn il-pubbliku. Ghalhekk, l-attrici tissottometti li r-rapportagg la kien wiehed preciz ai termini tal-Artikolu 12A tal-Att dwar l-Istampa, u lanqas kien wiehed in bona fede ai termini tal-Artikolu 33(c) tal-istess Att.

Mis-suespost huwa car li l-kwistjoni hi jekk bil-fatt li l-konvenuti fix-xandira taghhom ziedu kunjom l-attrici (u konsegwentement giet identifikata), meta fid-diskors Parlamentari hija giet riferuta biss bl-ewwel isem taghha biss (u ghalhekk skont hi, ma gietx identifikata), jiskwalifikahomx mill-protezzjoni li jaghtuhom l-Artikoli 12A u 33(c) tal-Att dwar l-Istampa.

L-ewwel aspett tal-vertenza li trid tiddetermina din il-Qorti huwa jekk ghalkemm fid-diskors Parlamentari tieghu, l-Onorevoli Joe Mizzi irrefera ghall-attrici bl-ewwel isem taghha biss, u ma semmiehx kunjomha, l-attrici kienitx identifikabbli mill-pubbliku in generali. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, ir-risposta hija fl-affermattiv. Apparti li saret riferenza ghaliha b'isimha bhala s-*"Sinjura Alice",* isem mhux daqstant komuni, issemmiet bhala s-segretarja ta' John Farrugia, li dwaru kien hemm ghaddejja investigazzjoni ta' hrug allegatament illegali ta' *nautical licences,* u f'kull kaz kienet facilment accertabbli.

Inoltre l-ghada stess tad-diskors tal-Onorevoli Joe Mizzi, l-attrici stess, permezz tal-avukat taghha, kitbet lill-Onorevoli Mizzi sabiex tipprotesta talli semmiha fil-Parlament dwar fatti li skont hi kienu inveritieri. Dan ifisser li l-attrici stess hasset li d-diskors tieghu, l-Onorevoli Joe Mizzi kien identifikaha mal-pubbliku in generali. Tant hu hekk li f'din l-ittra, l-attrici tghid li d-diskors tal-Onorevoli Mizzi kien *inter alia* jikkawzalha problemi inutili *"partikolarment meta mezzi tal-media mbaghad jaghddu biex jirrapportaw dak li jkun intqal fis-seduta Parlamentari".*[12] Dan il-kliem jista' biss ifisser li l-attrici kienet konsapevoli li jekk id-diskors tal-Onorevoli Mizzi jixxandar fuq il-mezzi tal-*media*, hija kienet se tigi identifikata.

Ghalhekk tibqa' biss il-kwistjoni jekk il-fatt li fir-rapportagg taghhom tad-diskors li sar fil-Parlament mill-Onorevoli Mizzi, il-konvenuti ziedu kunjom l-attrici, li ma kienx issemma fid-diskors Parlamentari, jiskwalifikahomx mill-privileggi kontemplati fl-Artikoli 12A u 33(c) tal-Att dwar l-Istampa.

L-attrici tirreferi ghas-sentenza **Dr. Albert Caruana vs Gino Cauchi**, deciza fit-23 ta' Gunju 2004, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[13] irriteniet illi l-privilegg assolut kontemplat fl-Artikolu 33(c) *"ma huwiex estendibbli ghall-pubblikazzjoni ta' dibattitu Parlamentari f'gurnali izda biss fir-rigward ta' pubblikazzjonijiet tal-Kamra tad-Deputati."* Bir-rispett

[12] Ara Dok MD1 a fol. 109 tal-process.
[13] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

kollu dovut lejn il-Qorti tal-Appell, dina l-Qorti, kif preseduta, taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti jista' jinftiehem hazin. Il-pubblikazzjonijiet ufficjali tal-Kamra tad-Deputati jaqghu taht l-Artikolu 33(a), li jirreferi ghal *"pubblikazzjonijiet magħmula bis-saħħa ta' Att tal-Parlament jew bl-awtorità tal-President ta' Malta jew tal-Kamra tad-Deputati"*.

L-Artikolu 33(c) jittratta rapporti *bona fide* fil-gurnali jew media ohra tad-dibattiti tal-Kamra tad-Deputati. Dawn huma privileggjati kemm-il darba ma tigix mbiddla jew imqassra d-difiza tal-persuna li tkun giet attakkata. Il-*bona fide* hija kwalifikata f'dan is-sens biss. Huwa evidenti li dan ma japplikax ghall-kaz odjern, ghaliex waqt id-dibattitu ma kien hemm ebda difiza x'tigi rapportata. Il-konvenuti illimitaw ruhhom li jirraportaw is-sustanza ta' dak li ntqal fil-Parlament, minghajr ma bidluh.

Il-fatt li fir-rapportagg taghhom, il-konvenuti irreferew ghall-attrici b'isimha u kunjomha, u mhux b'isimha biss kif sar fid-dibattitu fil-Parlament, huwa irrelvanti, ghaliex ghar-ragunijiet moghtija iktar il'fuq, fid-dibattitu li sar fil-Parlament, l-attrici kienet diga identifikabbli. Dak li huwa rilevanti huwa li fir-rapportagg taghhom, il-konvenuti ma ziedu xejn mal-allegazzjonijiet li kien ghamel l-Onorevoli Joe Mizzi fil-Parlament fil-konfront tal-attrici – haga li l-attrici qatt ma allegat.

Fis-sentenza **Eugenio Cassar vs Felix Agius**, deciza fl-4 ta' Marzu 1991, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[14] irriteniet, fil-kuntest ta' riportagg ta' dibattiti Parlamentari illi *"Sakemm ir-rapport ikun fair and accurate ma jistax jaddebita malafede lill-editur ... ... l-editur ma ghandu l-ebda obbligu li jipprokura bilanc jew li jippublika gustifikazzjoni jew risposta ghall-allegata ingurja, aljunde jekk dan ma jirrizultax mid-dibattitu innifsu."*

Ghalkemm il-Qorti tista' tieqaf hawn, ghal fini ta' kompletezza, il-Qorti hija tal-opinjoni li r-rapport huwa privileggat ukoll taht l-Artikolu 12A, u dan ghall-istess ragunijiet ghaliex dan ir-rapport huwa privileggat taht l-Artikolu 33(c). Mid-diskors tal-Onorevoli Mizzi, l-attrici kienet identifikabbli, anke jekk irrefera ghaliha b'isimha biss u allura l-fatt li l-konvenuti ziedu kunjomha fir-rapport taghhom, ma jfissirx li r-rapport ma kienx wiehed preciz, u mhux kontestat mill-attrici li l-fatti rapportati kienu dawk li effettivament intqalu mill-Onorevoli Mizzi fil-Parlament.

[14] *Per* Imhallef J. Said Pullicino.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u tichad it-talba tal-attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**(ft) Maġistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Reġistratur**